MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1255/2003

**osette Cassar**

**vs**

**Giuseppe Carabott**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta’ Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta’ mija u sebgha liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm107.88) rapprezentanti danni rizultanti minn ncident stradali li sehh fit-23 ta’ Marzu 2003, gewwa Triq l-Indipendenza, l-Bombi, mill-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru IAP 275, ghall-liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali li qed tigi prezentata kontestwalment mal-Avviz tat-Talba u dawk

tal-ittra legali tat-2 ta' Gunju 2003, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. In-nullita' tal-Avviz stante li ma giex indikat in-numru tar-registrazzjoni tal-unika vettura allegatament indikata f'dan l-inicdent u dan in-nuqqas ghandu jitqies bhala difett fit-talba.
2. Bla pregudizzju l-konvenut m'huwiex responsabbli ghall-incident indikat fl-Avviz peress li kienet responsabbli Josette Cassar minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha biss
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda tal-attrici, tal-konvenut,, ta' PC 1283 u ta' Carmen Carabott. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mil-partijiet.

Sema' t-trattazzzzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident stradali li sehh fit-23 ta' Marzu 2003, f'National Road, Hamrun meta l-attrici sfat imtajjra mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAP 275 misjuqa mill-konvenut. L-attrici xehdet li fid-data tal-incident hija kienet qed taqsam minn fuq il-'pedestrian crossing' li minn Sa Maison jaghti ghall-Furjana, Hija kienet qed taqsam min-naha ta' National Road biex tmur ghas-subway u malli kienet kwazi waslet fuq in-naha l-ohra tat-triq sfat imtajjra mill-vetttura misjuqa mill-konvenut.

Il-konvenut inizjalment insista li huwa kien diga' qabez il-'ppedestrian crossing' meta l-attrici harget ghal quddiem il-vettura tieghu, huwa ghafas il-brejk u dawwar l-isteering lejn il-lemin sabiex jipprova jevitaha izda inutilment ghaliex tajjarha. Sussegwentement, izda, huwa jammetti li ghafas il-brejk biss meta sema' l-mara tieghu li kienet paddiggiera fil-vettura teighu, twerzaq u meta ra lill-attrici mal-art – "Jiena waqaft malli werzqet il-mara. Jiena qabel ma

tajjartha ma rajthiex lill-attrici peress li kont qed inhares lagenba”.. Din l-ahhar verzjoni moghtija mill-konvenut hija l-istess wahda moghtija minnu ‘a tempo vergine’ lis-surgent li nvestiga l-kaz. Fir-‘Road Accident Report’ fil-fatt insibu li l-konvenut qal hekk:-
“As soon as he passed over the pedestrian crossing’ he saw the woman on the ground. He stated that he had never seen the woman before he saw her on the ground”. Dan kollu gie kkonfermat mis-surgent li xehed fis-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2003.

Fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni moghtija mill-konvenut ‘a tempo vergine’ hija dik li ghandha titwemmen stante li hija korroborata mill-fatti. L-incident de quo sehh unikament tort tal-konvenut li ma rax lill-attrici qed taqsam minn fuq il-pedestrian crossing, ma waqafx kif kien obbligat li jaghmel u spicca biex tajjarha. Huwa minnu li l-brake marks wara l-vettura tal-konvenut jibdew kif tispicca l-marka tal-‘pedestrian crossing’ izda kif diga’ ntqal aktar il-fuq il-konvenut ammetta li huwa ghafas il-brejk biss wara li bdiet twerzaq il-mara u wara li huwa ra lill-attrici mal-art. Dan jindika li l-konvenut kien ghadu fuq il-pedestrian crossing meta laqghat lill-attrici u dan anki tenut kont tal-fatt li wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni it-‘thinking distance’

Illi l-quantum tad-danni reklamati mill-konvenuta bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-attrici esebiet l-ircevuti kollha relattiivi ghat-talba taghha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ mija u sebgha liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm107.88),, bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestqalment mal-Avviz tat-Talba ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi,

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------